

32006D0777

15.11.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 314/37

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**ta' l-14 ta' Novembru 2006****dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità lejn il-qerda tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja fl-2006***(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5375)***(It-test bil-Ġermaniż biss hu awtentiku)**

(2006/777/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tistipula l-proċeduri li jamminis-traw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità għal miżuri veterinarji speċifiċi, inklużi miżuri ta' emerġenza. Bil-ħsieb li teqred id-deni klassiku tal-ħnieżer malajr kemm jista' jkun, il-Komunità tista' tikkontribwixxi finanzjarjament għal nefqa eliġibbli merfugħa mill-Istati Membri.
- (2) Il-ħlas ta' appoġġ finanzjarju tal-Komunità għal miżuri ta' emerġenza sabiex jiġi miġġieled d-deni klassiku tal-ħnieżer huwa soġġett għar-regoli stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 349/2005 tat-28 ta' Frar 2005 li jstipula regoli dwar l-iffinanzjar Komunitarju ta' miżuri ta' emerġenza u tal-kampanja għal ġlieda kontra ċertu mard ta' l-animali taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE ⁽²⁾. Dan ir-Regolament japplika għal kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Komunità mogħtija lill-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa eliġibbli kif definita hemmhekk għal ċerti miżuri ta' qerda fil-qagħdiet differenti msemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.
- (3) Fl-2006 seħħet tifqigħa tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja. Id-dehra ta' din il-marda tirrappreżenta riskju serju għall-popolazzjoni tal-bhejjem tal-Komunità.
- (4) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/346/KE tal-15 ta' Mejju 2006 li għandha x'taqsam ma' ċerti miżuri ta' ħarsien marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Ġermanja u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2006/274/KE ⁽³⁾, il-

Ġermanja ntalbet twettaq ċerti miżuri ta' ħarsien marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer. Dawn il-miżuri jinkludu l-qerda preventiva tal-popolazzjoni fl-istabbilimenti kollha tal-ħnieżer li jinsabu fiż-żona ta' ħarsien fejn kien hemm tifqigħa kkonfermata fil-muniċipalitá ta' Borken fit-Tramuntana tar-Rhine Westphalia.

- (5) Skond dan, il-Ġermanja ħadet il-miżuri meħtieġa ta' emerġenza sabiex tevita l-firxa tad-deni klassiku tal-ħnieżer.
- (6) Fit-12 ta' Settembru 2006, il-Ġermanja pprovdiet it-tagħrif finanzjarju mitlub qabel l-għotja ta' l-appoġġ finanzjarju tal-Komunità skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (7) Il-Ġermanja kient konformi bis-sħiħ ma' l-obbligi tekniċi u amministrattivi tagħha kif stipulati fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE u l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 349/2005.
- (8) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li l-attivitajiet ippjanati fil-fatt twettqu u li l-awtoritajiet jipprovdut t-tagħrif kollu meħtieġ fil-limitu taż-żmien imfassal.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità

1. Kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha titħallas lill-Ġermanja għall-ispejjeż imġarrba waqt it-teħid ta' miżuri ta' emerġenza għall-ġlieda kontra d-deni klassiku tal-ħnieżer fl-2006, inklużi l-miżuri previsti fl-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni 2006/346/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/53/KE (ĠU L 29, 2.2.2006, p. 37).

⁽²⁾ ĠU L 55, 1.3.2005, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 128, 16.5.2006, p. 10. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/391/KE (ĠU L 150, 3.6.2006, p. 24).

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja għandha tkun 50 % tan-nefqa eliġibbli għall-għoti ta' fondi Komunitarji. Din se titħallas skond il-kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (KE) Nru 349/2005.

Artikolu 2

L-arranġamenti tal-ħlas

L-ewwel sehem ta' EUR 5 000 000 għandu jitħallas bħala parti mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità pervista fl-Artikolu 1.

Artikolu 3

Id-Destinarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussel, 14 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni